MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tat-30 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 103/2005

Gatt Ready Mix Ltd. [C9169]

vs

Anthony Camilleri [ID.80548(G)]

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-16 ta’ Dicembru 2005, li permezz tieghu s-socjeta’ attrici Gatt Ready Mix Ltd. qed titlob li l-konvenut Anthony Camilleri jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ hames mija u wiehed u tletin Liri Maltin u tlieta u erbghin centesimi rapprezentanti xoghol ta’ konkos li sar fuq inkarigu tal-konvenut fi Trq Wied Il-Mielah, Gharb, Ghawdex ;

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fis-6 ta’ Jannar 2006, eccepixxa :

1. Il-preskrizzjoni kemm ta’ hames snin a tenur tal-rtikolu 2156(f) tal-Kodici Civili kif ukoll dik ta’ tmintax -il xahar a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-istess Kodici ;

2. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghal premess, il-konvenut mhuwiex debitur lejn l-attur ghal ebda ammont ta’ flus.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ta’ din il-kawza ;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li tirrigwarda l-preskrizzjoni ;

Ikkunsidra :

Illi din is-sentenza qeghda tinghata dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, jigifieri li s-socjeta’ attrici tilfet il-jedd li tressaq din il-kawza ghaliex m’ghamlitx dan fiz-zmien li kellha skond il-ligi biex tressaq it-talba taghha. Il-konvenut qieghed jghid li l-eccezzjoni tieghu tistrieh fuq l-artikolu 2156(f) jew 2148(b) tal-Kodici Civili : tal-ewwel issemmi zmien ta’ hames snin li fiha jmissha ssir l-azzjoni, filwaqt li t-tieni ssemmi zmien ta’ tmintax-il xahar.

Illi mill-provi li johorgu mill-atti tal-kawza, jirrizulta li fis-sena 1994, il-konvenut kien ordna xi jardi tal-konkos minghand is-socjeta’ attrici ghall-bejt ta’ kamra jew mahzen li kien bena f’ghalqa fl-inhawi maghrufa bhala ‘Tal-Imtiehen’ fil-kuntrada ta’ Wied Il-Mielah fil-limiti tal-Gharb, Ghawdex. Giet esibita ricevuta mis-socjeta’ attrici li turi li fis-sena 2004, il-konvenut kien hallas pagament akkont lis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ tlieta u erbghin Liri Maltin u hamsa u sebghin centesimi (Lm43.75), u kien baqa’ l-bilanc imsemmi fl-avviz tat-talba li, skond is-socjeta’ attrici l-konvenut baqa’ ma ssaldahx. Il-konvenut jichad li kienet inhargitlu r-ricevuta tal-hlas akkont li giet esibita mis-socjeta’ attrici, u jikkontendi li hija falza. Madanakollu ddikjara li huwa kien issalda l-hlas kollu li kellu jaghti lis-socjeta’ attrici, u li kienu tawh ricevuta, pero’

ma jiftakarx lil min kien hallas u lanqas x'kien ghamel bir-ricevuta ghaliex wara certu zmien huwa kien ramiha.

Huwa ormai pacifiku illi hekk kif tigi eccepita l-preskrizzjoni, in kwantu din timporta presunzjoni ta' pagament, il-pretiz kreditur jista' jikkumbattiha b'diversi modi, per ezempju jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b'xi mezz iehor permess mil-ligi, cioe', l-inamissibilita` ta' dik il-preskrizzjoni jew l-inapplikabilita` taghha, jew l-interruzzjoni jew is-sospensjoni taghha, jew billi l-attur jiddemostra dan permezz ta' xi att gudizzjarju (Artikolu 2128, Kodici Civili) jew billi juri ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi b'certa attitudni tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni. F'dan il-kuntest huma annoverati s-sitwazzjonijiet prevvisti mill-artikoli 2133 u 2134 tal-Kodici Civili (**Kollez. XXVIII.I.93** ; **XXXVII.II.626**). Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt, per ezempju l-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, jew il-hlas akkont (Artikolu 2134). Jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghall-fini ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att.

Illi jibqa' dejjem imperattiv pero' li l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontesta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mit-Tribunal li, anzi' ghandu l-kompitu li jiddeciedi *iuxta allegata et probata*. L-accertament tal-ezistenza jew le, ta' atti validament interruttivi tal-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut jikkostitwixxi indagini ta' fatt rizervat ghall-apprezzament tal-Tribunal. Jibqa' dejjem pero` obbligu ta' min jeccepixxi l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni li jipprovaha, u kif rilevat f'bosta decizjonijiet "*jekk dwar din l-*

*interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ikun ugwalment fatt illi l-atturi ma ssodisfawx lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni*." (**Kollez. Vol.XXX.i.989**), u f'kaz ta' dubju serju dan ghandu jmur favur dak li kontra tieghu qeghda tigi akkampata rinunzja ghad-dritt (**Kollez. Vol.XXXII.i.44**). Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (**Kollez. Vol. XXXVIII.iii.723**).

Gie sewwa ritenut illi fejn id-debitur ma jichadx id-dejn imma sempliciment jikkontesta l-*quantum* ta' l-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri (Qorti Kummerc, **Anthony Fenech et noe –vs- John Saliba**, 21/04/1971 ; Appell Civili, **Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe**, 5/10/1998). Dan japplika wkoll jekk ir-rikonoxximent isir wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni (Appell Civili, **Alfredo Borg –vs- Carmelo Brincat et**, 5/06/1959).

Issokta jigi osservat ukoll illi "jekk id-debitur jirrikonixxi d-dejn dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjon u dan ir-rikonoxximent jista' jkun anke prezunt jew indirett. U lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantita` kollha dovuta, u jista' jirrigwarda kreditu illikwidu" (**Kollez. Vol.XLIII.ii.744** ; **Vol.XLV.ii.632**).

Illi l-gurisprudenza tghallem illi l-gharfien tal-jedd mid-debitur irid ikun wiehed car u univoku. Inoltre semplici kollokwji jew konversazzjonijiet bejn il-kreditur u id-debitur ma jammontawx ghal rikonoxximent tad-dejn u ghalhekk ma jistghu qatt jinterrompu l-preskrizzjoni jew inkella jigu interpretati bhala rinunzja da parti tad-debitur ghall-preksrizzjoni li jkun idekorra favur tieghu. (Prim'Awla, **Perit Arkitett Joseph Barbara vs Segretarju tal-War Damage Commission**, 15/10/2003, u Appell Civili, **Domenic Department Stores Ltd. vs Malta Dairy Products Ltd.**, 30/05/2003).

Dan affermat, it-Tribunal wiezen il-provi kollha u ezamina x-xhieda tal-konvenut li ghazel *a sua sponte* li jafferma l-pagament. Fi kliemu : 'Jiena lis-socjeta' attrici kont hallastha ftit wara li kont ordnajt dan ix-xoghol u gie kkonsenjat lili cioe' dik is-sena stess elf disa' mija u erbgha u disghin (1994)'. U l-konvenut raga afferma in kontro-ezami li kien effettwa dan il-hlas : 'Jiena nerga' nikkonferma illi l-ammont kollu jiena kont hallastu lill-kumpannija pero' min ircieva l-hlas minghandi llum jiena ma niftakarx'. F'dan il-kuntest tajjeb li jigi riportat dak li qalet il-Qorti Tal-Appell – Sede Inferjuri [Ghawdex] fis-sentenza : **Maltacom plc vs Paul Piscopo**, deciza fil-5 ta' Lulju 2006, '*jinsab stabbilit pero' l-principju illi ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur, b'att tieghu spontaneu ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza, ipoggi ruhhu fi stat li jirrendi inkompatibbli l-pozizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mill-ligi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni (Kollez. Vol. XXXVII.i.310) ……. omissis …… fil-prezenza tal-kondotta processwali assunta mill-appellanti, dan mhux biss ma baqax ankrat mal-presunzjoni kostitwenti din il-preskirzzjoni, kif kellu dritt li jaghmel, talli spontanjament ghadda 'l quddiem biex jasserixxi li hu kien issalda zmien qabel is-somma reklamata. Dan, ghall-Qorti, ma jistax hlief ifisser illi hu kien qed jirrikonoxxi l-ezistenza tas-somma reklamata b'dan li hu kien qed jinsisti li hallasha. Fi kliem iehor mill-presunzjoni ghadda ghall-affermazzjoni tal-hlas. Fil-hsieb tal-Qorti tali atteggjament hu nkompatibbli ma' dik il-volonta' fl-appellanti li jivvalora ruhu mill-kawza estintiva ta' l-azzjoni bl-eccepita preskrizzjoni. Jinghad a propozitu mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (16 ta' Novembru 1980, Numru 5973) illi 'il riconoscimento del diritto idoneo ad interrompere il decorso della prescrizione puo essere anche' tacito e consistere, quindi, comportamento incompatibile con la volonta' di disconoscere la pretesa del creditore'. Effettivament din il-Qorti tara fl-atteggjament assunt mill-appellanti fil-kors tal-process, u in partikolari fl-istess depozizzjoni tieghu, vera kontradizzjoni in kwantu mill-banda l-wahda jappilja mal-*

*hlas prezuntiv li taghmel il-preskrizzjoni eccepita mentri minn naha l-ohra fix-xhieda tieghu jirrikonoxxi li l-kreditu ghalkemm jezisti, mhux dovut ghax kien issaldah. Intant huwa baqa' ma pproduca ebda prova ta' dan il-hlas bl-iskuza li ma zammx karti ghax kien ghadda bosta zmien*'.

F'dawn ic-cirkostanzi u fid-dawl tal-affermazzjoni cara u univoka tieghu, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ma tistghax tigi sostnuta.

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, bl-ispejjez kontra tieghu, u jiddiferixxi l-kawza ghas-6 ta' Frar 2009, fil-11.00a.m. ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------